MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 215/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Salvu Abela**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Salvu Abela talli (flimkien ma' Jesmar Abela u Joseph Fenech) fit-8 ta' Mejju 2002 wara nofs inhar f'Malta, barra mill-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccjaw jew ipprovaw jikkaccjaw ghal xi ghasfur jekk ma' kienx ghasfur li mhux imsemmi fl-iskeda I li tinsab annessa ma' l-A.L. 146/1993;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi (flimkien ma' Jesmar Abela u Joseph Fenech) ftehmu, ipprovaw, jew ghinu, hajjru, taw pariri jew qabbdu xi persuna ohra biex

tikser id-dispozizzjonijiet tar-regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien tal-Ghasafar u l-Fenek Selvagg jew naqsu milli jikkonformaw ma’ xi wiehed minn dawn id-dispozizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittima moghtija bis-sahha ta' xi disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti) jew kisru xi restrizzjonijet, projbizzjonijiet jew htiega imposta minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi (flimkien ma' Jesmar Abela) filwaqt li kienu gewwa jew fuq vettura bil-mutur, kellhom, zammew armi tan-nar ikkargati jew barra mill-ghata taghhom jew daru ghall-kacca ta’ xi ghasfur jew ghal fenek selvagg, jew ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw, jiehdu jew ippruvaw jiehdu xi ghasfur jew fenek selvagg;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Salvu Abela hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkunndannatu ghall-hlas ta' hames mitt liri Maltin (Lm500) multa oltre li ordnat il-konfiska tal-arma tan-nar Luigi Franchi numru ta’ serje S28855 u skwalifikatu mil-licenzji tieghu kollha tal-kacca ghall-kacca ghal hames snin mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Salvu Abela tat-22 ta’ Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier taghha u tilliberah minn kull piena w imputazzjoni u fin-nuqqas stante c-cirkostanzi l-ohra tal-kaz, tvarjaha fis-sens illi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati, tigi inflitta piena anqas severa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju principali ta' l-appellant jikkoncerna purament kwistjoni ta' apprezzament ta' fatti. Huwa jghid li hemm

xiehda konfliggenti li joholqu dubju serju dwar jekk l-appellant kellux jinsab hati tar-reati addebitati lilu. Fl-ewwel lok, jghid li l-arma li jidher li kellu l-appellant dakinhar ta' l-allegat incident kienet Luigi Franchi. P.C. 662 Albert Grech pero` xehed li l-arma kienet Benelli u l-Ispettur Alexander Miruzzi li gie nfurmat minn P.C. 662 li l-arma kienet Benelli kif ikkonfermalu l-appellant stess u li ftit wara qallu li kienet Luigi Franchi. Inoltre filwaqt li P.C. 662 qal li kien hemm passa tal-kuccard, dan ix-xhud la huwa espert u lanqas ma jfisser li t-tajr kien bil-fors ta' dik l-ispecje. Di piu` filwaqt li P.C. 662 qal li ma lemah l-ebda tajra ohra, l-appellant insista li kien ra zewg gamimiet.

Issa, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

1 Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Jigi osservat li l-ewwel Qorti kellha l-vantagg li tara u tisma' x-xhieda kollha, kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9). Inoltre l-ewwel Qorti osservat li "l-gudikant jista', sakemm mhux espressament provdut mod iehor, isib reita` anke fuq xiehda ta' xhud wiehed jekk hekk emmnuta." Hija mbaghad stqarret bla tlaqliq: "Fil-kaz in disamina dina l-Qorti qieghda temmen u taghti kredibilita` assoluta u shiha lix-xiehda tal-kuntistabbli li fic-cirkostanzi, ghandu jigi sottolinejat, hija mill-aktar kredibbli".

Inoltre din il-Qorti ezaminat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda u ma ssib l-ebda raguni impellenti biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti. M'hemm xejn x'jindika li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment jew legalment hlief tasal biex temmen dak li xehed l-appellant u tiskarta kull ma qal P.C. 662.

Konsegwentement dan l-aggravju huwa michud.

L-appellant jilmenta wkoll mill-piena. Jghid li tenut kont tal-fedina penali tieghu u anke li kkoopera, hija kemm xejn severa. Jigi hawn ribadit li l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

Fil-kaz in ezami l-pieni applikabbli ghar-reati dedotti kontra l-appellant ghal ksur tal-provvedimenti ta' l-Avviz Legali 146/1993 (kif sussegwentement emendat) huma dawk previsti fir-regolament 25(2)(a) - rez applikabbli bil-proviso tar-regolament 25(3) stante li l-ghasafar koncernati kienu kuccard, u cioe`: multa ta' mhux anqas minn hamsin lira (Lm50) izda mhux aktar minn elf lira (Lm1,000) u l-konfiska tal-*corpus delicti*. Inoltre l-Qorti tista' tordna s-sospensjoni tal-licenza jew il-permess ghal perijodu ta'

[2] Ara, per ezempju, Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Andrew George Stone** 12 ta' Mejju 2004.

mhux anqas minn sena. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-piena nflitta taqa' fil-parametri tal-ligi b'dan li ghandu jkun hemm temperament fil-perijodu ta' skwalifika tal-licenzi tal-kacca.

Apparti hekk, din il-Qorti ma tara li jezisti l-ebda fattur determinanti biex tnaqqas il-multa nflitta li ghandha sservi ta' deterrent ghalih u ghal haddiehor.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata fir-rigward ta' l-appellant Salvu Abela u, filwaqt li tirrevokaha in kwantu ordnat li jigi skwalifikat mil-licenzi kollha tieghu tal-kacca ghal perijodu ta' hames snin, minflok tiskwalifikah mil-licenzi kollha tieghu tal-kacca ghal perijodu ta' tliet snin u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-perijodu ghall-iskwalifika mil-licenzi tal-kacca jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------